




IL-FORUM TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

INSALVAW LIN-NAĦAL U LILL-BDIEWA!
Lejn agrikoltura favur in-naħal għal
ambjent b'saħħtu



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| WERREJ

L-IĊĊE “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b’saħħtu”	3
Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! II-kampanja	5
L-impatt tal-kampanja	9



1

Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu”, ġiet irreġistrata fit-30 ta' Settembru 2019, u bdiet il-perjodu tagħha ta' ġbir tal-firem fl-istess jum. L-inizjattiva tappella lill-Kummissjoni biex tipproponi atti legali biex sal-2035 jitneħnew ftit ftit il-pestiċidi sintetiċi, ħalli titreggħa' lura l-bijodiversità u jingħata appoġġ lill-bdiewa fit-tranżizzjoni.

L-objettivi tal-inizjattiva huma:

- L-eliminazzjoni gradwali tal-pestiċidi sintetiċi fl-agrikoltura tal-UE bi 80% sal-2030, bl-ewwel dawk l-aktar perikolużi, biex ninħelsu mill-pestiċidi sintetiċi;
- Ir-restawr tal-ekosistemi naturali fiż-żoni agrikoli biex il-biedja ssir mezz għall-irkupru tal-bijodiversità;
- Ir-riforma tal-agrikoltura billi tingħata prijorità lill-biedja fuq skala żgħira, diversa u sostenibbli, b'appoġġ għal żieda malajr fil-prattika agroekoloġika u organika, u li tippermetti taħriġ u riċerka indipendenti mill-bdiewa fuq il-biedja tal-pestiċidi u mingħajr OĖM.

L-inizjattiva “Insalvaw lin-Naħal u lill-Bdiewa!” irnexxielha tiġbor 1.05 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ ivverifikata bil-limiti minimi milħuqin fi ħdax-il Stat Membru. Il-perjodu ta' ġbir ġie estiż b'sena, sat-30 ta' Settembru 2021, biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kampanja¹.

Wara li ntemmet il-fażi tal-ġbir tal-firem, l-inizjattiva għaddiet mill-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Wara, ġiet ippreżentata formalment lill-Kummissjoni Ewropea fis-7 ta' Ottubru 2022 ([tħabbira għall-istampa](#)).

1 F'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1042, id-Deċiżjoni C (2020) 9226 u d-Deċiżjoni C (2021) 1121.



Il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni bi tweġiba għal din l-inizjattiva fil-5 ta' April 2023.



Il-fatturi ta' suċċess:

- Iż-żamma ta' laqgħa bil-video ta' kull ġimgħa mal-organizzaturi kollha għall-perjodu kollu ta' sentejn (estensjonijiet minħabba l-pandemija).
- Il-perseveranza ta' dawk is-sħab li baqgħu għaddejnin għal sentejn minkejja d-diffikultajiet esterni u xerrdu enerġija pożittiva f'kull laqgħa.
- Il-ħidma mal-alleanza eżistenti tal-NGOs (aktar minn 200 NGO fl-Ewropa kollha), kif ukoll ir-reklutaġġ ta' sħab ġodda b'setgħa kbira ta' mobilizzazzjoni fil-fażi finali.



2

Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Il-kampanja

Tħejjija

L-organizzaturi tal-inizjattiva “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!” kellhom esperjenza sostanzjali fl-organizzazzjoni ta’ inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej peress li xi wħud minnhom organizzaw b’suċċess l-inizjattiva “[Stop Glyphosate](#)” li ġabret 1,070,865 firma. Din l-esperjenza preċedenti kienet ta’ benefiċċju għall-organizzaturi fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta’ din l-inizjattiva l-ġdida


Il-bini ta’ **network ta’ sħab** kien essenzjali għas-suċċess ta’ din l-inizjattiva. L-organizzaturi bdew b’ċirku intern ta’ 10 NGOs minn pajjiżi differenti u kull organizzazzjoni ngħatat il-kompitu li ssib NGOs oħra biex jappoġġjaw l-inizjattiva. Fl-aħħar mill-aħħar, l-inizjattiva kellha l-appoġġ, fi gradi differenti, ta’ aktar minn 200 NGO ambjentali, organizzazzjoni tal-bdiewa u ta’ dawk li jrabbru n-naħal, fondazzjoni tal-karità u istituzzjoni xjentifika mxerrda fl-Unjoni Ewropea kollha. Madankollu, l-iżgurar li l-NGOs kienu se jappoġġjaw b’mod attiv l-inizjattiva kienet sfida. L-organizzaturi rnexxielhom jegħlbuha billi stiednu lill-NGOs ta’ appoġġ għal-laqqhat regolari online fejn l-organizzaturi kienu strateġiċi matul il-kampanja. L-inizjattiva “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!” kienet appoġġjata minn NGOs bħal Bee Life, Générations Futures, Global 2000, Umweltinstitut München, Pesticide Action Network – PAN Europe, u Romapis.

Il-bini ta’ **preżenza online** kien ukoll parti kruċjali mill-istrateġija ta’ komunikazzjoni tal-inizjattiva. L-organizzaturi bnew sit web multilingwi b’**għodod ta’ appoġġ online li jistgħu jiġu ddawnlowdjati** bħal formoli tal-firem stampati, ittri għall-ġirien u l-ħbieb, fuljetti, posters, stickers u videos. Il-proċess tal-bini tas-sit web u l-ħolqien ta’ għodod ta’ appoġġ – it-tnejn li huma bit-traduzzjonijiet – ħa ħafna ħin u wassal biex l-organizzaturi jipposponu d-data tal-bidu tal-ġbir uffiċjali tagħhom b’madwar sitt ġimgħat. L-organizzaturi bnew ukoll il-preżenza online tagħhom fuq il-media soċjali: [Twitter](#) (1752 segwaċi), [Instagram](#) (2735 segwaċi) u [Facebook](#) (2870 segwaċi).



B'mod ġenerali, l-organizzaturi tal-inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!" ġabru €282,858 ta' appoġġ u fondi.

Sorsi ta' finanzjament (€)



| Implimentazzjoni tal-Kampanja

Inizjalment, l-organizzaturi kienu ppjanaw moviment fil-livell lokali biex jiġbru l-firem b'kuntatt dirett maċ-ċittadini fit-triq biex jissaħħa il-moviment u "jikkontribwixxu għall-bidla u t-tranżizzjoni soċjali meħtieġa b'mod urġenti". Fl-aħħar mill-aħħar, minħabba l-pandemija, kellhom jirrevedu l-istrateġija tagħhom.


Mill-bidu nett, il-kampanja "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!" iddeċidiet li tiġbor firem mill-pajjiżi kollha tal-UE, minflok ma ffukat fuq ftit biss. Madankollu, id-diffikultajiet li gābet magħha l-pandemija kienu jirrikjedu li l-organizzaturi jikkunsidraw mill-ġdid din l-istrateġija. L-organizzaturi rnexxielhom jiġbru l-firem **f'pajjiżi fejn huma jew is-sħab tan-network tagħhom kellhom preżenza qawwija**. Minħabba n-natura transnazzjonali tal-istrument, preżenza attiva f'ħafna pajjiżi kienet essenzjali u r-rwol ta' network ta' sħab u voluntiera kien kruċjali għall-kampanja.

| Ġbir tal-firem

Għalkemm l-organizzaturi oriġinarjament riedu joħolqu kampanja b'saħħitha fil-livell lokali u jtkellmu direttament man-nies, huma rrealizzaw li, minħabba l-pandemija, il-biċċa l-kbira tal-firem se jinġabru online u mhux fuq il-karta. L-inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!" użat sistema individwali ta' ġbir online. Il-pandemija u l-biżżeġat konkreti assoċjati magħha żiedu wkoll it-tħassib ta' ħafna nies dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-klima fl-isfond. Fil-bidu, l-organizzaturi ma setgħux isibu strateġija ta' ħidma biex jegħlbu bis-sħiħ dawn l-ostakli. B'konsegwenza ta' dan, il-ġbir tal-firem sar aktar diffiċli u beda jonqos. Madankollu, bl-estensjoni tal-perjodu tal-ġbir tal-firem u bl-għajnuna tan-network ta' sħab tagħhom, l-organizzaturi setgħu jegħlbu dan l-ostaklu.



Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' sostenn
(f'tipa grassa l-pajjiżi fejn intlaħaq il-livell limitu)



Verifika u sottomissjoni

B'kollox, wara l-estensjoni, l-inizjattiva ġabret 1.18 miljun firma f'27 Stat Membru tal-UE, li minnhom 89% tqiesu validi mill-awtoritajiet nazzjonali. Fis-7 ta' Ottubru 2022, l-organizzaturi ppreżentaw iċ-ċertifikati li jagħtu prova tal-ġbir ta' **1,054,973 dikjarazzjoni ta' appoġġ ivverifikata** lill-Kummissjoni Ewropea. Dan il-pass fetaħ il-perjodu ta' eżami ta' 6 xhur.

Iż-żamma ta' kampanja ħajja u **ż-żamma ta' livell għoli ta' interess miċ-ċittadini** fl-inizjattiva kienu kruċjali matul il-perjodu ta' sottomissjoni. L-organizzaturi kitbu bosta **ittri miftuħa** lir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew u organizzaw laqgħat wiċċ imb wiċċ magħhom. L-organizzaturi kkoordinaw ukoll **konferenza stampa** mal-IFOAM Organics Europe biex jippromwovu l-proposti ta' din l-inizjattiva u jiddiskutu l-progress, s'issa, fit-tnaqqis tal-pestiċidi. L-organizzaturi ta' din il-kampanja huma determinati li jżidu dawn l-attivitajiet fil-futur biex jimbuttaw għall-bidla u l-avvanz fit-tnaqqis tal-pestiċidi fl-UE.

3

L-impatt tal-kampanja

Eżami u deċiżjoni tal-Kummissjoni

Wara s-sottomissjoni formali tal-inizjattiva fis-7 ta' Ottubru 2022, l-organizzaturi Itaqgħu mal-Kummissarji Ewropej Věra Jourová, il-Viċi President għall-Valuri u t-Trasparenza, u Stella Kyriakides, il-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, fil-25 ta' Novembru 2022 (Stqarrija għall-istampa). Fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar l-inizjattiva (ara l-Opinjoni tal-KESE).

Fil-24 ta' Jannar 2023, il-Parlament Ewropew organizza seduta ta' smiġġ pubbliku dwar l-Inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!" (smiġġ pubbliku). L-organizzaturi ppreżentaw l-oġġettivi tal-inizjattiva u involvew ruħhom mal-Membri tal-Parlament Ewropew (Punti ta' Smiġġ tal-PE). Fil-istess jum tas-smiġġ pubbliku, fil-24 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat "Patt Ġdid għall-Pollinaturi" biex tindirizza t-tnaqqis allarmanti tal-insetti dakkara fl-Ewropa, bir-reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi tal-2018. (Ara l-Istqarrija għall-Istampa) Fis-16 ta' Marzu 2023, l-inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!" ġiet diskussa f'sessjoni plenarja fil-Parlament Ewropew (Ara r-reġistrazzjoni).

Fil-5 ta' April 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat **Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-azzjonijiet tagħha b'reazzjoni** għall-ICE "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!". Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' l-inizjattiva u tenfasizza l-importanza tagħha peress li l-kriżijiet interkonnessi tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità jikkostitwixxu sfidi dejjem akbar għall-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel tal-Ewropa. Il-Komunikazzjoni vvalutat kull waħda mill-proposti tal-inizjattiva fuq il-merti tagħha stess (Ara l-istqarrija għall-istampa). B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni se tagħti prijorità lill-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-proposti għal regolament dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u għal liġi dwar ir-restawr tan-natura li bħalissa qed jiġu nnegożjati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, flimkien mal-implimentazzjoni effettiva tal-Politika Agrikola Komuni.



Bi tweġiba għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, l-organizzaturi japprovaw l-appell tal-Kummissjoni lill-koleġżlaturi [il-Parlament Ewropew u l-Kunsill] biex isibu ftehimiet rapidi u ambizzjużi dwar il-proposti leġiżlattivi tagħha li se jsarrfu l-ambizzjoni taċ-ċittadini f'liġi. Barra minn hekk, l-organizzaturi jinkoraġġixxu l-involvement taċ-ċittadini u x-xjenzati kkonċernati fil-proċess sakemm jintlaħqu l-miri u jiddikjaraw li l-inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa għadha 'l bogħod milli tintemm". (Ara l-[istqarrija għall-istampa](#))

Il-Kummissarju Sinkevičius u r-rappreżentanti tad-direttorati ġenerali involuti ppreżentaw it-tweġiba tal-Kummissjoni lill-organizzaturi f'[laqgħa](#) fil-25 ta' April 2023.



Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Taqtgħu qalbkom qatt! Kunu ppreparati li l-organizzazzjoni u t-tmexxija ta' inizjattiva jistgħu jkunu vjaġġ twil u diffiċli.
- Fudu l-ħin biex tippreparaw b'attenzjoni.
- Tkellmu ma' organizzaturi u partijiet ikkonċernati oħra li kellhom esperjenza bl-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.